MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Numru 481/2008

**Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Roderick Cilia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Roderick Cilia ta’ 30 sena, bin Anthony u Mary nee’ Fenech imwieled Pieta’ nhar l-20 ta’ Jannar 1978, residenti 14, ‘Tessie’, Misrah il-Kononku Giovanni Vella, Zejtun jew No 82, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 100678 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' April, 2008 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar (2:00pm), ikkommetta serq ta' oggett, u cioe' basket b' diversi oggetti fih, minn karozza ipparkjata bin-numru tar-registrazzjoni FQZ-050, liema serq li kien ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' Claire Goodlip mill-Gzira u/jew persuni ohra, u dan ai termini ta' l-artikoli 261 (g) u 271 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FQZ-050, liema hsara li ma teccedix il-valur ta' elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin Euro cent (Lm500) imma teccedi il-valur ta' mija u sittax-il Euro u seba' u hamsin Euro Cent (Lm 50) sar ghad-detriment ta' Mario Fenech minn Hal-Lija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' April 2008 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u li fil-passat huwa inghata pieni ta' conditional discharge u anki probation order. F'dan il-kaz jidher li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittma u anki li l-istess vittma giet rimborsata minn terza persuna u mhux mill-imputat odjern ghad-danni li sofriet fil-vettura in kwistjoni. F'dan il-kaz ma gietx registrata ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-anqas jirrizulta li kien hemm koperazzjoni da parti tal-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ghalhekk ghandu jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 271, 281 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.
L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------